Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 69

Data tal-laqgħa: 19 ta' Settembru 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku (MLB)
Stephen Gatt - Kunsillier (SG)
Andrè Grech – Kunsillier (AG)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Il-laqgħa bdiet fl-4.30pm peress li l-Kunsill kellu laqgħa oħra qabel li damet aktar mill-ħin previst. Is-Sindku, AM ippresjeda l-laqgħa.

## 69.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

69.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 69.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

69.2.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 68. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

69.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku MLB, li kienet issekondata mill-Kunsillier ONDG, il-minuti ġew approvati.

## 69.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

69.3.1 Para 68.3.1 – *Speed tables*
Is-SE infurmat li talbet kwotazzjoni lill-kumpanija oħra u qed nistennew risposta. Is-Sindku talab li nibgħatu *reminder*.

69.3.2 Para 68.3.3 – Dawl dekorattiv
Is-SE infurmat lid-dawl ġie rranġat u t-technician se jixtri l-*covers* tal-kulur.

69.3.3 Para 68.4.2 - Talba għal laqgħa
Is-Sindku infurma li għad irid jikteb lill-Kumitat tal-Football ta' Ħal Balzan biex tiġi skedata laqgħa mal-Kunsill.

69.3.4 Para 68.4.3 - Dar perikoluża fi Vjal De Paule
Is-SE qalet li l-Pulizija infurmawna li l-Perit tal-Gvern ħejja rapport dwar l-istat tal-binja u s-sid ġie ordnat biex isewwi l-periklu.

69.3.5 Para 68.4.5 - Plakka tal-isem tat-triq
Is-SE infurmat li l-plakka tal-isem ta' Triq il-Kbira fl-akwati tal-Costa Coffee ġiet ordnata.

69.3.6 Para 68.5.1
Is-SE qalet li infurmat lill-IM biex ineħħu t-tabella '*No Road Markings*' minn Triq il-Ferrovija l-Qadima.

69.3.7 Para 68.5.3
Is-SE infurmat li sar ftit *tarmac* mat-tappieri fi Triq Ġuże' Bonnici u se naraw jekk tibqax tajba.

69.3.8 Para 68.9.4
Il-Kunsillier SG infurma li ser jiltaqa' mal-kuntrattur tal-*Parks & Gardens* dwar il-*creepers* f'forma ta' arkata mal-ħajt tal-kunvent.

## 69.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

69.4.1 Villa Blackman, Triq l-Imdina
Is-Sindku għamel referenza għal laqgħa li saret aktar kmieni, ma' rappreżentanti minn PWC, fejn qed jitolbu l-appoġġ tal-Kunsill fuq il-proposta tagħhom biex din il-proprjetà issir *childcare centre.* Il-Kunsill iddiskuta u kien hemm qbil li ssir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill biex niddiskuti xi punti, biex il-Kunsill ikun jista' jieħu pożizzjoni fuq din l-applikazzjoni.

69.4.2 PA/05481/23 – 57 – 60, Triq il-Kbira k/m 8/9, Sqaq Nru. 1, Triq il-Kbira
Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill applikazzjoni ġdida, PA/05481/23, fejn qal li kien hemm applikazzjonijiet preċedenti fuq dan l-istess sit. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill iressaq oġġezzjoni fuq din l-applikazzjoni. Il-Kunsill qabel u s-SE ser tinforma l-Perit biex jipprepara l-oġġezzjoni.

69.4.3 <u>Laqgħa mal-ERA</u>

Is-Sindku aġġorna lill-Kunsilliera bil-laqgħa li saret mal-ERA fuq it-tieni sit tal-B-I-S. Is-Sindku irringrazzja lis-Sur Mario Fava li ta l-appoġġ tiegħu waqt din il-laqgħa, peress li fil-lokalità m'hawn l-ebda post mhux abitat fejn jista' jsir sit ġdid. L-unika opzjoni hi li s-sit preżenti jinqasam fi tnejn u jiġu żewġ siti (wieħed f'kull tarf tat-triq). Qed nistennew risposta min-naħa tal-ERA.

69.4.4 <u>Proposta minn Balzan FC</u>

Is-Sindku informa li Balzan FC qed jitolbu li jsiru tabelli fil-lokalità, li juru d-direzzjoni għall-*ground* tal-*Football* peress li qed isibu diffikultà li jaslu għalih peress li jinsab f'Ħal Lija. Il-Kunsill approva.

## 69.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

69.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 69.6 Rapporti

69.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 69.7 Skemi Finanzjarji

69.7.1 Dan l-*item* se jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

## 69.8 *Traffic Management* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima

69.8.1 Dan l-*item* se jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

## 69.9 Għalqa f'Wesgħa Profs. Ġużè' Aquilina

69.9.1 Is-Sindku infurma li rċieva *email* minn persuna fejn qed jgħid li jista' jgħin lill-Kunsill biex ikollu proġett ta' suċċess għal dan is-sit fejn jidħol Project Green. Is-Sindku qal li ser jitkellem ma' din il-persuna biex jagħtina aktar dettalji.

69.9.2 Sadanittant, is-Sindku qal li rċevejna pjanti ġodda ppreparati mill-Perit. Dawn il-pjanti huma proposti ġodda għas-sit li jinkludi fih aktar *greenary* bil-proposta preċedenti. Dan il-proġett kien ġie ppreżentat mill-Perit fil-laqgħa li l-Kunsill kellu mas-CEO ta' Project Green.

69.9.3 Ser naraw xi proposti għandha din il-persuna li għamlet kuntatt mal-Kunsill, qabel ma' l-Kunsill ikun jista' japprova l-pjanti.

## 69.10 Jum Ħal Balzan 2023

69.10.1 Is-Sindku qara ittra mibgħuta mill-Każin tal-Banda Filarmonika Marija Annunzjata, fejn qed jinfurmaw li mhux se jieħdu sehem għal diversi raġunijiet, minħabba li l-attività se ssir fi Triq l-Annunzjata u mhux fil-Pjazza.

69.10.2 Il-Viċi Sindku qalet li apparti li l-Kunsill se jiffranka madwar €700 f'permessi u uffiċjali tal-LESA, dan il-post ser ikun ta' anqas inkonvenjent peress li mhux ser tingħalaq Triq il-Kbira.

69.10.3 Is-Sindku qal li hu bħala Sindku, għandu l-obbligu li deċiżjoni la darba ttieħdet, hija deċiżjoni tiegħu ukoll irrelevanti ta' xi jkun intqal waqt li tkun qed issir diskussjoni. U għalhekk ma jixtieqx li b'xi mod tiġi oskurata l-Viċi Sindku, li ħadmet ħafna għal din l-attività. Qal ukoll li jiddispjaċih ħafna illi s-sitwazzjoni spiċċat hekk, imma jassigura li qatt ma kienet l-intenzjoni tiegħu fl-ebda ħin li jiġri hekk.

69.10.4 Ġie rrimarkat ukoll li l-Kunsill m'hu favur l-ebda għaqda u jaħdem ma' kulħadd. Kien hemm qbil li nirrispondu għall-ittra b'mod amikevoli.

69.10.5 Is-SE ressqet għall-attenzjoni xi kwotazzjonijiet relatati mal-attività. Ġiet approvata l-kwotazzjoni ta' Audio Master għas-sistema ta' *Sound* għax hija l-aktar kwotazzjoni kompluta u toffri pakkett sħiħ. Ġiet approvata wkoll l-irħas l-kwotazzjoni għall-armar ta' *stage,* li hija ta' Promo Signs.

69.10.6 Se nġibu kwotazzjonijiet għall-ipprintjar ta' A5 *poster* u tqassim tiegħu fir-residenzi f'Ħal Balzan, Ħ'Attard, Ħal Lija u l-Iklin.

**Is-Sindku ippropona li tiġi sospiża l-Agenda u tiġi diskussa *item* 69.12 peress li l-Kunsillier SG dalwaqt ser ikollu jassenta ruħu mil-laqgħa minħabba impenji oħra. Il-Kunsill unanimament approva.**

## 69.12 *Residential Parking Scheme*

69.12.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill b'laqgħa li saret mill-AKL dwar is-suġġett. F'din il-laqgħa intqal li TM ser ikunu qed jiftħu l-applikazzjonijiet għal din l-iskema ta' parkeġġ.

69.12.2 Minn *feedback* li l-Kunsill irċieva fil-passat, is-Sindku ippropona numru ta' toroq bid-dettalji li jinsabu annessa (DOK 1). Il-Kunsill iddiskuta u approva li jissottometti applikazzjoni.

69.12.3 Il-Kunsillier AG issuġġerixxa li l-Kunsill jingħata l-possibbiltà li jistudja s-sistema ta' *valet parking* (parkeġġ bi ħlas) u jixtieq li jekk fil-futur il-Kunsill ikollu xi laqgħat fuq dan, ikun involut fid-diskussjonijiet.

**F'dan il-ħin (5.30pm) il-Kunsillier SG talab li jiġi skużat mil-laqgħa.**

## 69.10 Jum Ħal Balzan 2023 - Kontinwazzjoni

69.10.7 Tkompliet id-diskussjoni fuq l-organizzazzjoni tal-attività. Ser ssir laqgħa mal-għaqdiet interessati li jarmaw *stand* waqt l-attività.

## 69.11 Attivitajiet għal żmien il-Milied

69.11.1 Dwar l-attività li qed tiġi ppjanata fil-bandli għal żmien il-Milied, is-Sindku qal li s-Sur Albert Mc Carthy (*Father Christmas* ta' Malta) aċċetta li jipparteċipa fl-attività.

69.11.2 Il-Ħadd 10 ta' Diċembru 2023 (mil-10.15am 'il quddiem) hija d-data proposta. Se jiġi kkonfermat jekk is-Sur Mc Carthy jkunx disponibbli f'din il-ġurnata.

69.11.3 B'rabta mal-EWWR, il-Kunsill ser ikun qed jinċentiva lill-artisti sabiex joħolqu xi ħaġa minn *packaging waste,* relatata mal-Milied u jiġu esebiti f'din l-attività.

69.11.4 Din l-attività se tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 69.13 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

69.13.1 <u>Disponiment ta' Assi tal-Kunsill</u>
Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet skeda għall-approvazzjoni tal-Kunsill li turi lista ta' Assi tal-Kunsill li ser jiġi mneħħi minn fuq l-inventarju. Il-Kunsill unanimament iddeċieda li jiddisponi mill-assi li jidhru fuq il-lista annessa (Dok 2).

69.13.2 <u>Kwotazzjonijiet għall-provvista tas-Servizz ta' Assigurazzjoni tal-Assi tal-Kunsill</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li talbet lill-tliet (3) kumpaniji għal kwotazzjoni għall-provvista tas-Servizz ta' Assigurazzjoni tal-Assi tal-Kunsill għall-perjodu ta' sena. Il-Kunsill unanimament approva l-unika offerta li waslet ta' *Antes Insurance Brokers Limited.*

69.13.3 <u>*Binding* ta' minuti tal-Laqgħat tal-Kunsill</u>
Is-SE infurmat li fil-passat ma kienx sar *binding* tal-Agenda, Minuti u Skeda ta' Pagamenti tas-snin 1993 – 2015. Il-Kunsill unanimament approva li jsir *binding* tas-snin kollha.

## 69.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

69.14.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 09/23, li tinkludi l-ammont ta' €97.49c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Awwissu 2023.

69.14.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier AG li kien issekondat mill-Kunsillier ONDG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 69.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

69.15.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5.50pm.

69.15.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 31 ta' Ottubru 2023 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 31 ta' Ottubru 2023.

IFFIRMATA

Dr Angelo Micallef
Sindku

IFFIRMATA

Doriette Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

DOK 1

Ħal Balzan Local Council

# Residential Parking Scheme Proposal

*Monday to Friday - 09:00 to 17:00*

*Saturday - 09:00 to 13:00*

*120 mins no return within 1 hour*

- Triq il-Kannizzata - 50% of the parking bays
- Triq B. Bontadini - 30% of the parking bays
- Triq San Gabriel - 30% of the parking bays
- Vjal il-Bon Pastur - 30% of the parking bays
- Triq l-Imdina - 30% of the parking bays

*Monday to Sunday - 16:00 to 23:00*

*150 mins no return within 1 hour*

- Triq l-Annunzjata - 50% of the parking bays
- Triq Ġużeʼ Bonnici - 50% of the parking bays
- Triq l-Għerusija - 50% of the parking bays
- Triq Sigismondo Dimech - 50% of the parking bays
- Triq Sir Antonio Micallef - 50% of the parking bays
- Triq Idmejda - 30% of the parking bays

**SIGNED**

__________________

Dr Angelo Micallef
Mayor

**SIGNED**

__________________

Doriette Farrugia
Executive Secretary

Date: 19th September 2023

Ħal Balzan Local Council
7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan BZN 1020
☎ 21442323 ✉ balzan.lc@gov.mt

DOK 2

Ħal Balzan Local Council

| List of Council Assets to be disposed of as Approved at Council Meeting No. 69 of 19th September 2023 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| **Description** | **Description** | **Condition / Remarks** | **Date Purchased** | **Purchase Price** |
| | | | | |
| UPS 004 (CMP00008) | 1 UPS (Clerk) | Damaged. | 03/08/2018 | €123.90 |
| Comp01-13 (CMP00002) | Acer Aspire Tower PC | Outdated. Replaced by laptop. | 14/03/2013 | €737.02 |
| OLDRAIL (CNS00007) | Old Railway Road parking area near fikus | Re-constructed by IM in 2019. | 31/03/1996 | €174.70 |
| P.FIELD (CNS00008) | Upgrading of Playing field | Re-constructed in 2000 | 29/09/2001 | €885.16 |
| PAV-004 (CNS00012) | Pavement in Guze Bonnici Street | Re-constructed by the Council in 2014. | 31/03/1996 | €7,150.71 |
| PAV-007 (CNS00015) | Pavement in Sir Antonio Micallef Street | Re-constructed by IM in 2021. | 31/08/1996 | €4,458.79 |
| PAV-016 (CNS00024) | Sir Antonio Micallef Street pavement | Re-constructed by IM in 2021. | 15/04/1999 | €9,467.81 |
| PAV-020 (CNS00026) | Balzan Valley Pavement | Re-constructed by IM in 2018 – 2020. | 14/05/1999 | - |
| PAV-025 (CNS00029) | Pavement in Balzan Valley Road | Re-constructed by IM in 2018 – 2020. | 25/09/2001 | €174.89 |
| PAV-018 (CNS00068) | Dr Zammit street pavement | Re-constructed by IM in 2020. | 14/05/1999 | €11,567.32 |
| COFF-002 (FFF00012) | Teaspoons | Replaced. | 17/01/1994 | €4.19 |
| FLAG-001 (FFF00018) | 1 Flag & Flagpole | Replaced with new one. | 01/04/2004 | €58.23 |
| FLAG-002 (FFF00019) | 1 Flag & Flagpole | Replaced by new one. | 28/02/1995 | €49.57 |
| FLAG-003 (FFF00020) | 1 Flag & Flagpole | Replaced by new one. | 28/02/1995 | €86.84 |

Ħal Balzan Local Council
7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan BZN 1020
☎ 21442323 ✉ balzan.lc@gov.mt

DOK 2

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| FLAG-004 (FFF00021) | Flag | Replaced by new one. | 01/04/2004 | €13.04 |
| FLAG-005 (FFF00022) | Two Flags | Replaced by new ones. | 11/11/1997 | €89.91 |
| OPEN-001 (FFF00032) | Tin & Bottle Opener | Damaged. | 10/08/1995 | €1.40 |
| SOAPDISP (FFF00063) | Soap Dispensers Two | Damaged. | 31/03/1998 | €416.96 |
| FFF00112 | 2 x Balzan Flags | Replaced by new ones. | 06/12/2019 | €62.00 |
| FFF00113 | 2 x Maltese Flags | Replaced by new ones. | 06/12/2019 | €54.00 |
| FFF00114 | 2 x EU Flags | Replaced by new ones. | 06/12/2019 | €132.00 |
| BUS-001 (URB00015) | Bus Shelter in Guze Bonnici Street | Removed as the bus stop was removed from the street. | 22/03/2002 | €116.47 |
| BUS-002 (URB00016) | Bus Shelter in Mdina Rd | Bus stop was moved to another location. | 22/03/2022 | €116.47 |
| ERDF205-11 (URB00063) | Restoration Statue Sta. Marija | Restored by the Restoration Directorate (MJCL) in 2023. | 24/10/2012 | €3,500.00 |
| UIF-pjazza (URB00101) | Construction of pavements | Pjazza pavements were re-constructed in 2014. | 27/02/2008 | €1,664.61 |
| UIF-pjazza 1 (URB00102) | Construction of pavements | Pjazza pavements were re-constructed in 2014. | 31/03/2008 | €3,902.30 |
| UIF-pjazza 2 (URB00103) | Paving Works in Pjazza | Pjazza was re-constructed in 2014. | 20/06/2008 | €11,610.63 |
| URB00118 | 1 Spring Mobile Mae 054 'Horse' | Damaged. Replaced by new one. | 14/10/2020 | €460.20 |
| URB00126 | Toilet for disabled in Public Convenience | Vandalised. Replaced. | 27/07/2022 | €279.50 |

**SIGNED**

__________________

Dr Angelo Micallef
Mayor

**SIGNED**

__________________

Doriette Farrugia
Executive Secretary

Date: 19th September 2023

Ħal Balzan Local Council
7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan BZN 1020
☎ 21442323 ✉ balzan.lc@gov.mt